# Rghajja u Mriehel fil-Bibbja

Fid-dinja, sa mill-aktar żmenijiet bikrija, mal-bjiedja, insibu li kien hemm ir-ragħa. Miktub fil-Kotba Mqaddsa li Kajjin kien iressaq quddiem Alla l-għelejjel tar-raba u Habiel, l-ewwel u l-aħjar tal-għanem u l-ifrat. (Ktieb in-Nisel, IV, 3).

Il-Patrijarki Għebrin kienu jgħożżu u jieħdu ħsieb kbir tal-imrieħel tagħhom meta kienu fl-art ta' Kangħan, fejn in-nies kienet ħafifa u għalhekk huma kellhom il-wisa' li jirgħu l-imrieħel tagħhom fejn iridu. Abraham, ma' niesu u l-qaddejja, qasam dik l-art minn fuq għal isfel mingħajr ebda xkiel; u waqaf l-ewwel f'Sekem imbagħad f'Betel, minn fejn imbagħad baqa' sejjer lejn in-Neġeb. Meta raġa' l-ura mill-Masar, fejn kien inġabar ħtija tal-qoħta jew *karestija*, li kien hemm f'Kangħan, raġa' mar joqgħod f'Betel.

Wara ftit l-imrieħel tiegħu u ta' qaribu Lot, daqs kemm kibru u żdiedu, ma setgħux isibu baqqiegħat bil-ħaxix fejn jirgħu flimkien. Għal dan inqala' l-lewm bejn ir-rgħajja tal-wieħed u tal-ieħor u kellhom jinfirdu dan minn dak. Abraham ħalla lil Lot jagħżel fejn irid jirgħa; u billi lil dan għoġbitu s-sehla jew *pjanura* ta' ma' dwar il-Ġurdan, li: *qabel ma l-Mulej għarraq l-ibliet ta' Usdum u Ghamora, kienet kollha msoqqija donnha ġnien il-Mulej* (Nisel, XIII, 19-11), Abraham telaq lejn Mambre, qrib Hebron.

F'art imnixxfa bix-xemx bħal ma hi l-Palestina, l-ilma kien minn dejjem ta' ħtieġa kbira. Għal hekk ir-rgħajja kienu jħaffru bjar fin-nħawi kollha minn fejn jgħaddu bl-imrieħel tagħhom, u dawn il-bjar ħafna drabi kienu l-ħtija ta' ġlied bejniethom.

Meta Abi-Melek, is-sultan Filisti ta' Ġerara, għamel ftehim ma' Abraham, dana liemu fuq bir talilma, li kien tiegħu u li r-rgħajja tassultan kienu ħaduhulu b'saħħa (Nisel, XXI, 25). Wara żmien il-Filistin li kienu għajjurin għal għana li bih kien għani Ishak bin Abraham, biex iġiegħeluh jitlaq minn hemm, imlew bit-trab u l-ħaġar il-bjar kollha li Abraham kien ħaffer dik in-naħa (Nisel, XXVI, 13-15). Jagħqub, iben Ishak, li missieru fil-barka li kien bierku kien xtaqlu: *kotra ta' nida mis-sema u semna mill-art* (Nisel, XXVII, 28) kellu wkoll ħafna mrieħel li kien kisibhom l-aktar bil-għaqal ta' moħħu meta kien f'Harram (Nisel, XXX, 75-43) għand ħalu, Laban. Dawn l-imrieħel żdiedu wkoll aktar meta kien fil-Masar.

Jusef, bin Jagħqub, billi ried li l-Israelijin jgħammru fil-wetgħa ta' Ġessen, li m'hux biss kien fiha kotra ta' ħaxix għal mergħa, imma wkoll hemmhekk ħutu kienu mifruda mill-Masrijin, biex ma jitniġġsux bil-ħażen tagħhom, nebbaħhom x'għandhom jgħidu lil Fargħun, kemm il-darba jsaqsihom x'kienet sengħathom. Qalilhom jgħidulu: *Aħna, il-qaddejja tiegħek, rgħajja, minn tfulitna sallum; sewwa aħna kemm ukoll missirijietna.* U żied: *Għandkom tgħidulu hekk biex iħallikom fl-art ta' Ġessen, għax il-Masrijin kollha jiskerrhu r-rgħajja tal-għanem* (Nisel, XLVI, 33-34).

Tassew li Herodotus jgħid li l-Masrijin kellhom skerrih kbir lejn ir-rgħajja tal-ħnieżer u tal-baqar biss, aktarx għal xi ħaġa li kellha x'taqsam mad-Djiena. Il-mibgħeda għar-rgħajja tal-għenem, bħal ma

kienu l-Israelijin kienet aktarx ġejja milli dak iż-żmien il-Hiksos jew Slaten Rgħajja kienu jaħkmu l-Masar. Mill-mibgħeda tal-ħakkiem barrani, kienet ħaġa ħafifa għal Masrijin li jgħaddu għal mibgħeda tax-xogħol li dawn il-ħakkiema kienu jagħmlu. Hi kif inhi, jekk għand il-Masrijin irgħajja kienu miskerrha, kienu meqjuma għand il-Għebrin. U dawn meta daħlu fl-art imwegħda, baqgħu jirgħu l-bhejjem mingħajr mistħija.

32; I Sam XVII, 40; Mik. VII, 14). Fil-ktieb ta' Għejjub (Gob, XXX, 1) u fil-ktieb ta' Isajija (LVI, 10) jinsabu msemmija wkoll il-klieb targħajja li bl-inbieħ tagħhom kienu jnebbħu lil sjiedhom li hemm ildbejjeb ma' dwar il-merħla.

Mill-bidu tar-rebbiegħa sal-ħarifa, jew għal ħabta tal-ewwel xita, l-imrieħel kienu ( u għadhom daż-żmien ukoll) jinżammu fil-beraħ, f'wetgħat barra mir-rħula. Fil-għodu r-rgħajja



*Betlehem — Rgħaj Għarbi jirgħa l-merħla tan-nagħaġ.*

Mose nnifsu, meta deherlu Alla min-nofs il-għollieq u amru joħroġ ilġens tiegħu mill-jasar tal-Masrijin, kien għiejed jirgħa n-ngħaġ ta' ħatnu Jetro, qassis ta' Madjan (Ktieb il-Ħruġ, XXXI, 10). U David kien jirgħa n-nagħaġ meta Samwel wasal Betlehem biex jidhnu bħala *re* jew Melek ta' Israel (I Samwel, XVI, 11; XVII, 34). Ab-Xalom, bin David, ukoll kellu l-merħla tiegħu (II Sam. XIII, 23).

Dawk li kienu joħorġu jirgħu l-bhejjem kienu jkunu l-aktar taddrabi qaddejja jew mikrijin. Kienu jkunu ħafna u wieħed fosthom kien ikun maħtur rajjes fuq l-oħrajn. Kull ragħaj aktarx li kien ikun imgħammar b'ħatar u wadab (Levit. XXVII,

kienu jieħdu l-imrieħel jirgħu; għal nofs inhar jeħduhom f'xi naħa fejn ikun hemm id-dell, biex bix-xemx ħarra ma jimirdux u ħalibhom ma jeħżienx. Għal-lejl, imbagħad, kienu jdaħħluhom ġewwa bħal għalqa bilħajt tas-sellieħ. Il-bieb tal-għalqa kien ikun żgħir u dejjaq, biex huma u deħlin u ħerġin in-nagħaġ, ikunu jistgħu jgħodduhom sewwa, billi ma jistgħux jgħaddu minnu ħlief waħdawaħda. F'kull għalqa kienu jinżammu merħeltejn jew tlieta. Ħafna millegħlieqi kien ikun fihom borġ għoli, li minn fuqu r-rgħajja jaraw il-għalqa bil-għanem u 'l barra minnha, biex iħarsu l-għanem mit-tiġrib, sewwa tal-ħallelin kemm ukoll tad-dbejjeb. (Nisel, XXXV, 23; Mik. IV, 8). Fil-

għodu, imbagħad, jiftħu l-bieb u kull rgħaj igħajjat il-għajta tiegħu, li l-bhejjem kienu jagħarfuha, u joħorġu jieqfu ma' dwaru. Imbagħad jeħodhom jirgħu, kollox bħall-jum ta' qabel (ara san Ġwann, X, 1-6).

Ir-rgħajja, billi kienu jkunu qishom dejjem fix-xori, maqtugħin mill-ħajja tan-nies tal-ibliet, ma kienux iħabblu rashom fuq x'tgħid il-Liġi, fuq x'kien ikel ħram u ikel ħorr, anqas fuq il-ħasil tal-idejn u t-tisfija. Għal dan kienu mibgħuda mistkerrha mill-Farisijin. Ma kenux jistgħu jidħlu ġewwa qorti, u x-xhieda tagħhom ma kenitx tiswa, għax kienu magħduda kollha b'giddieba u ħallelin (Tosefta, Sanhedrin, V, 5).

Fil-Kotba Mqaddsa bosta drabi jinsabu tixbiehat tar-rgħaj u tal-merħla. Hekk Mose, li kien jirgħa l-għanem ta' Jetro, talab 'Alla li jqiegħed f'ras il-Għebrin: *Raġel li jidħol u joħroġ quddiemhom, li jeħodhom u jġibhom, u li Ġens Alla ma jibqax bħala merħla bla ragħaj.* (Ktieb il-Għadd, XXVII, 16-17). U David, imbikki, għal mard li kien ħakem lin-nies tiegħu, għajjat quddiem Alla u qal: *Mulejja, mhux jien dnibt? Mhux jien amart li jingħaddu n-nies? Xi ħtija għandha din il-merħla?* (I. Par. XXI, 27).

Fis-Salmi bosta drabi Alla n-Nifsu mxebbaħ lir-ragħaj (ara fost oħrajn: Salmi, XXII, LXXIX, XCIV, XCIX). Ta' ġmiel barrani huwa l-kliem tas-Salm XXII:

*Il-Mulej huwa r-ragħaj tiegħi,*
*xejn ma jonqosni.*
*F'mergħa bil-ħaxix iqegħedni.*
*Fuq i-ilmijiet bierda jwaqqafni.*
*U jsaħħaħli ħajti*
*Imexxini f'toroq watja, għall-*
*Isem Tiegħu.*

Il-Profeti, daqqa jeħduha margħajja l-ħżiena u daqqa jxebbħu lil Jahwe (jiġifieri Alla tal-Lhud) u lill-Messija li kellu jiġi, ma' ragħaj tal-ġens Lhudi (Isajija, XL, II; Ger. III, 15; XXIII, 1-4; Ezek. XXXIV, 2,5, 11,15,23). Biżżejjed li wieħed isemmi lil Ġeremija, XXIII, 1-4, illi qal: *Ħażin għar-rgħajja li jferrxu u jħarrbu l-merħla tiegħi ,jgħid il-Mulej!... Intom xerridtu n-ngħaġ tal-merħla tiegħi, intom ħarbattuhom... Jiena niġbor il-fdal tal-meħla tiegħi minnaħat kollha u nqiegħed fuqhom rgħajja li jirgħuhom.*

U din it-tixbiħa tar-ragħaj u tal-merħla, tinsab ukoll fil-Kotba tal-Għaqda l-Ġdida. Ġesù jistqarr li ma kienx mibgħut ħlief għan-nagħaġ mitlufa ta' dar Israel (Matt, IX, 36; XV, 24). Lil Pietru, bħal ragħaj, iqabbdu jirgħa n-nagħaġ tal-merħla tiegħu (Ġwann, XXI, 16-17). Barra minn dan, tliet darbiet oħra jxebbaħ ix-xbieha tar-ragħaj u l-merħla (Ġwann, X, 1-16; Luqa XV, 3-7; Matt. XV, 31-33). San Pietru fl-Ewwel Ittra tiegħu (II, 35), jikteb: *Kontu bħala nagħaġ mitlufa, imma rġajtu għar-ragħaj u l-Isqof tar-ruħ tagħkom.*

Fil-Kotba Mqaddsa, fl-imkien man-nagħaġ, huma msemmija wkoll bosta drabi l-mogħoż u l-gidjien u l-kbiex. Dawna, għall-jebusija ta' rashom u s-sefqa ta' wiċċhom, jixxebbħu man-nies il-ħżiena. Nhar il-Ħaqq, fl-aħħar tad-dinja, lil dawna, kif ikunu mqegħdin fuq ix-xellug, Ġesù, bħala Re u Mħallef, jaqtagħlhom il-qada tal-biża': *Warrbu minni, ja misħutin! Morru fin-nar ta' dejjem, li kien imħejji għax-xitan u għal sħabu, għax kont fil-ħtieġa u ma għentunix!* (Matt. XXV, 41).

PATRI G. FACCIO O.F.M.